MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 103/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Jeanfred Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jeanfred Vella ta’ 35 sena iben Edwin u Anna nee’ Frendo mwieled Pieta fit-3 ta’ Novembru 1984 u residenti Block 5 Bieb 16, Fuq San Pawl, Bormla, ID 531184 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-13 ta’ Settembru 2007 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U iktar talli matul ix-xahar ta’ Gunju 2007 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li kkopera mal-pulizija u l-fatt li l-fedina penali tieghu mhix wahda

felici – fejn hemm zewg kundanni ta' serq li ghalihom nghata zewg Probation Orders, wahda ghal zmien tliet snin u wahda ghal zmien sentejn. Pero sfortunatament l-imputat jidher li ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu minn din il-Qorti diversament preseduta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2012, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------